Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 15 ta' Marzu 2018**
**(OR. en)**

**7184/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0057 (NLE)**

**FISC 134**
**ECOFIN 245**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 14 ta' Marzu 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 126 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 126 final.

Mehmuż: COM(2018) 126 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.3.2018
COM(2018) 126 final

2018/0057 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem, "id-Direttiva tal-VAT")[1], il-Kunsill, huwa u jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jiġu evitati ċerti tipi ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra reġistrata mal-Kummissjoni fit-13 ta' Lulju 2017, l-Ungerija talbet awtorizzazzjoni biex tintroduċi miżura biex tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT. B'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, permezz ta' ittra datata l-15 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Ungerija. Permezz ta' ittra datata s-16 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Ungerija li kellha l-informazzjoni kollha li qieset li kellha bżonn għall-valutazzjoni tat-talba.

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Abbażi tal-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT tkun il-persuna taxxabbli li lilha ssirilha l-provvista ta' proprjetà immobbli mibjugħa mid-debitur tas-sentenza fi proċedura ta' bejgħ obbligatorju (il-mekkaniżmu tar-reverse charge). L-Ungerija tixtieq testendi l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-provvisti ta' oġġetti kapitali tal-kumpannija u għall-provvisti ta' oġġetti jew servizzi tal-valur tas-suq miftuħ li jaqbżu l-HUF 100 000 (madwar EUR 320), jekk il-persuna taxxabbli li qed tforni l-oġġetti jew is-servizzi hija s-suġġett ta' proċeduri ta' likwidazzjoni jew ta' kwalunkwe proċedimenti oħra li legalment jistabbilixxu l-insolvenza tagħha.

Skont l-Ungerija, l-oġġetti kapitali huma għodod, makkinarju u oġġetti tipikament ta' valur għoli u hemm għadd kbir ta' tranżazzjonijiet li jaqbżu l-limitu massimu ta' HUF 100 000 imwettqa minn persuni taxxabbli insolventi. Il-likwidatur ta' spiss jonqos milli jħallas il-VAT dovuta minħabba li l-ammont irid jintuża biex jitħallsu t-talbiet preċedenti. Fl-istess ħin, ix-xerrej, li huwa persuna taxxabbli bid-dritt għat-tnaqqis, jista' xorta jnaqqas il-VAT mġarrba b'impatt negattiv fuq il-baġit u li bażikament qed jiffinanzja l-likwidazzjoni L-Ungerija wkoll irreġistrat każijiet ta' frodi fejn kumpanniji f'likwidazzjoni joħorġu fatturi fittizji lil kumpaniji attivi biex inaqqsu b'mod sostanzjali t-taxxa pagabbli mingħajr il-garanzija li l-emittent iħallas il-VAT dovuta.

Għaldaqstant, l-Ungerija ssostni li hemm ħtieġa reali biex jiġi ssalvagwardjat id-dħul mit-taxxi u l-interessi baġitarji minħabba fl-għadd ta' persuni taxxabbli f'diffikultajiet finanzjarja li jwettqu l-provvisti ta' hawn fuq. Skont l-Ungerija, il-mekkaniżmu tar-reverse charge huwa għodda xierqa għal dan l-għan. Il-persuna taxxabbli f'likwidazzjoni ma tkunx responsabbli li tħallas il-VAT dovuta u l-klijent ma jiġix ippenalizzati filwaqt li jiġi evitat it-telf mill-baġit pubbliku.

Huwa propost li d-deroga tingħata sal-31 ta' Diċembru 2021.

[1] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

F'każ li l-Ungerija tikkunsidra estensjoni tal-miżura ta' deroga lil hinn mill-2021, jenħtieġ li jintbagħat rapport lill-Kummissjoni li jinkludi rieżami tal-miżura flimkien mat-talba għal estensjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li qed jiġi segwit, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxi u l-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa. Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument adattat billi tista' tiġi indirizzata lil Stati Membri individwali.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba li għamlet l-Ungerija u tirrigwarda biss lil dan l-Istat Membru.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni għandha l-għan li tissalvagwardja d-dħul mit-taxxa u l-interessi baġitarji marbutin ma' kumpaniji f'proċedura ta' insolvenza f'każ li jwettqu provvisti ta' oġġetti kapitali jew provvisti ta' oġġetti jew servizzi b'valur miżjud li jaqbeż il-HUF 100 000. Skont l-Ungerija, l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fuq dawn it-tipi ta' tranżazzjonijiet tissimplifika l-ġbir tat-taxxa u tevita l-evażjoni tat-taxxa. Dan jillimita t-telf mid-dħul pubbliku u jiġġenera aktar dħul għall-baġit ta' madwar HUF 4-5 biljun (madwar EUR 13-14-il miljun) kull sena. B'riżultat ta' dan, il-miżura ta' deroga se jkollha impatt potenzjali pożittiv.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni żgħir tad-deroga u l-applikazzjoni limitata tagħha fiż-żmien, l-impatt, fi kwalunkwe każ, se jkun limitat.

## 4. IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Il-proposta mhi se jkollha l-ebda implikazzjoni negattiva għall-baġit tal-UE.

## 5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni stabbilita sal-31 ta' Diċembru 2021.

2018/0057 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE jistipula li persuna taxxabbli li tipprovdi oġġetti jew servizzi hija, bħala regola ġenerali, responsabbli għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lill-awtoritajiet tat-taxxa.

(2) Permezz ta' ittra reġistrata mal-Kummissjoni fit-13 ta' Lulju 2017, l-Ungerija talbet awtorizzazzjoni biex tintroduċi miżura speċjali biex tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT fil-każ ta' ċerti provvisti mwettqa minn persuni taxxabbli soġġetti għal likwidazzjoni jew għal kwalunkwe proċedimenti oħra li jistabbilixxu legalment l-insolvenza tagħha.

(3) Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba li saret mill-Ungerija permezz ta' ittri datati l-15 ta' Jannar 2018. Permezz ta' ittra datata s-16 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Ungerija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun tista' tqis it-talba.

(4) L-Ungerija ssostni li l-persuni taxxabbli f'likwidazzjoni jew taħt proċedura ta' insolvenza ta' spiss ma jħallsux il-VAT dovuta lill-awtoritajiet tat-taxxa. Fl-istess ħin, ix-xerrej, li huwa persuna taxxabbli bid-dritt għat-tnaqqis, jista' xorta jnaqqas il-VAT mġarrba, u dan ikollu impatt negattiv fuq il-baġit u jippermetti li tiġi ffinanzjata l-likwidazzjoni. L-Ungerija wkoll irreġistrat każijiet ta' frodi fejn kumpanniji f'likwidazzjoni joħorġu fatturi fittizji lil kumpaniji attivi u jnaqqsu b'mod sostanzjali t-taxxa pagabbli mingħajr il-garanzija li l-emittent iħallas il-VAT dovuta.

(5) F'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 199(1) tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT tkun il-persuna taxxabbli li lilha ssirilha l-provvista ta' proprjetà immobbli mibjugħa mid-debitur tas-sentenza fi proċedura ta' bejgħ obbligatorju ("il-mekkaniżmu tar-reverse charge"). Biex tagħmel tajjeb għat-telf fid-dħul pubbliku, l-Ungerija titlob deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE biex tkun awtorizzata ddaħħal l-mekkaniżmu tar-reverse charge għal provvisti oħrajn minn persuni taxxabbli taħt proċedura ta' insolvenza, jiġifieri provvisti ta' oġġetti kapitali u provvisti ta' oġġetti jew servizzi oħra b'valur tas-suq miftuħ ta' aktar minn HUF 100 000.

[2] ĠU 347, 11.12.2006, p. 1.

(6) Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Ungerija, il-ħatra tar-riċevitur li jkun persuna taxxabbli bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT f'dawn il-każijiet partikolari se tissimplifika l-proċedura għall-ġbir tal-VAT u tevita l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. L-Ungerija tqis li l-miżura ta' deroga se tillimita t-telf tad-dħul pubbliku u se tirriżulta fil-ġenerazzjoni ta' dħul addizzjonali.

(7) Id-deroga jenħtieġ li tkun limitata fiż-żmien.

(8) Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni u n-novità ta' din id-deroga, huwa importanti li jiġi evalwat l-impatt tagħha. Għalhekk, jekk l-Ungerija tikkunsidra estensjoni tal-miżura ta' deroga lil hinn mill-2021, jenħtieġ li tibgħat rapport lill-Kummissjoni li jinkludi rieżami tal-miżura ta' deroga flimkien mat-talba għall-estensjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

(9) Id-deroga ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Ungerija hija awtorizzata li tistipula li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT tkun il-persuna taxxabbli li lilha jsirulha l-provvisti li ġejjin:

(1) il-provvisti ta' oġġetti kapitali minn persuna taxxabbli soġġetta għal likwidazzjoni jew għal kwalunkwe proċedimenti oħra li jistabbilixxu legalment l-insolvenza tagħha;

(2) il-provvisti ta' oġġetti u servizzi oħra b'valur tas-suq miftuħ aktar minn HUF 100 000 fiż-żmien tal-provvista minn persuna taxxabbli soġġetta għal likwidazzjoni jew għal kwalunkwe proċedimenti oħra li jistabbilixxu legalment l-insolvenza tagħha.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2021.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*